MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2013

Avviz Numru. 58/2006

**Petnutrition House Limited**

**Vs**

**George u Carmen konjugi Mugliett**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mis-socjetà Petnutrition House Limited fil-21 ta' Frar 2006 permezz ta' liema titlob li George u Carmen konjugi Mugliett jigu ikkundannati jhallsuha s-somma ta' elfejn mija wiehed u tmenin Lira Maltija u sitta u disghin centezmu (Lm2,181.69) ekwivalenti ghal €5,081.97, rapprezentanti prezz ta' merkanzija lilhom mibjugha u konsenjata, bl-imghax legali dekoribbli mid-data tal-bejgh sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid tat-8 ta' Frar 2006, kontra George u Carmen konjugi Mugliett;

Rat illi George Mugliett u Carmen Mugliett, ghad illi entrambe notifikati bir-Rikors promotur u t-tnejn li huma ddikjaraw li qed jikkontestaw it-talba tas-socjetà attrici, naqsu milli jressqu eccezzjonijiet formali in opposizzjoni ghal din it-talba;

Rat il-kuntratt ta' separazzjoni bejn George Mugliett u Carmen Mugliett fl-atti tan-Nutar Dottor Nicholas Briffa datat 13 ta' Mejju 2005[1];

Semghet ix-xhieda tal-konvenuta moghtija waqt is-seduta tat-2 ta' Novembru 2006[2], semghet ix-xhieda ta' Matthew Wismayer moghtija waqt is-seduta tat-28 ta' Jannar 2009[3] u rat id-dokumenti esebiti mis-socjetà attrici permezz ta' Nota ipprezentata fit-28 ta' Jannar 2009 markati Dok. "A1" sa' Dok. "C" a fol. 65 sa' 95 tal-process;

Rat in-Nota ta' Riduzzjoni pprezentata mis-socjetà attrici fil-15 ta' Ottubru 2010[4] li biha rriduciet is-sorte ghal €1,981.97, ekwivalenti ghal Lm850.86, u zammet fermi l-ispejjez u l-imghaxijiet;

Rat in-Nota ta' Riduzzjoni ulterjuri pprezentata mis-socjetà attrici fis-27 ta' April 2011[5] li biha rriduciet ulterjorment is-sorte ghal €1,601.97, ekwivalenti ghal Lm687.72, izda mill-gdid zammet fermi l-imghax u l-ispejjez;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq talba tas-socjetà attrici;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni s-socjetà attrici titlob li l-konvenuti konjugi Mugliett jigu ikkundannati jhallsuha s-somma ta' €5,081.97, illum **ridotta ghal €1,601.97**, rapprezentanti l-prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lilhom. Mid-

[1] Dok. "A" a fol. 18 sa' 26 tal-process.
[2] Fol. 31 u 32 tal-process.
[3] Fol. 62 u 63 tal-process.
[4] Fol. 101 tal-process.
[5] Fol. 105 tal-process.

dokumenti esebiti mis-socjetà attrici permezz tan-Nota pprezentata fit-28 ta' Jannar 2009, u senjatament mid-dokumenti markati Dok. "A1" u Dok. "A2"[6] u Dok. "B1" sa' Dok. "B28" a fol. 67 sa' 94 tal-process, jirrizulta li l-merkanzija meritu ta' dawn il-proceduri giet provduta fil-hanut "Aquatica" Old Railway Track, St. Venera, tul il-perijodu bejn l-10 ta' Settembru 2004 u l-4 ta' Lulju 2005.

Ghalkemm il-konvenuti entrambe ddikjaraw li qed jikkontestaw it-talba attrici[7], it-tnejn li huma naqsu milli jressqu eccezzjonijiet formali ghat-talba tas-socjetà attrici. Dan il-fatt wahdu però ma ghandux jigi kkunsidrat bhala ammissjoni da parte taghhom ghat-talba attrici stante li huwa principju assodat fis-sistema guridika nostrali li *l-kontumacja m'ghandhiex titqies bhala stqarrija jew ammissjoni min-naha ta' l-imharrek ghal dak li jkun qieghed jintalab jew jigi allegat kontrih mill-parti attrici: ghall-kuntrarju, il-kontumacja tqieset bhala kontestazzjoni, u l-bdil li sar fil-ligi procedurali fl-artikolu 158 bl-Att XXIV ta' l-1995 jidher li jtenni din il-fehma*[8].

Il-Qorti qed taghmel din l-osservazzjoni minhabba l-fatt li ghalkemm gew effettwati diversi pagamenti fil-mori tal-proceduri, tant illi s-socjetà attrici ben darbtejn irriduciet it-talba inizjali taghha, illum ghad fadal ammont ta' €1,601.97 li s-socjetà attrici ghadha qed tippretendi l-hlas tieghu minghand il-konvenuti Mugliett.

Minn ezami tal-provi prodotti mis-socjetà attrici, u partikolarment ta' l-ittra datata 7 ta' Settembru 2006 mibghuta minn Dr. Deborah Delceppo lis-socjetà attrici[9], il-Qorti ma ghandha ebda dubju li l-konvenut ghandu jigi dikjarat debitur tas-socjetà attrici. In effetti f'dik l-istess ittra hemm ammissjoni li l-konvenut huwa bhala fatt debitur tas-socjetà attrici fl-ammont minnha pretiz. Dak li però ghandu jigi ikkunsidrat f'iktar dettal hija l-posizzjoni tal-konvenuta vis-à-vis is-socjetà attrici in kwantu rigwarda

---

[6] Fol. 65 u 66 tal-process.
[7] Vide verbal tas-seduta ta' l-24 ta' Novembru 2006, fol. 36 tal-process.
[8] Helen sive Nellie armla mill-Avukat Dottor Joseph Miceli et v. Carmelo sive Charles Pisani, Citaz. Nru. 1761/01 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Ottubru 2004.
[9] Dok. "C" a fol. 95 tal-process.

l-hlas tar-rimanenti bilanc ta' €1,601.97, u dana billi hija legalment separata minn ma' zewgha w ilhom hekk legalment separati b'effett mit-**13 ta' Mejju 2005**.

Mill-kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Nicholas Briffa datat 13 ta' Mejju 2005[10] jirrizulta li n-negozju mill-fond ossia hanut "Aquatica" fi Triq il-Ferrovija l-Antika, Santa Venera, jinsab gestit mill-konvenut. Dan ifisser ghalhekk illi kwalunkwe fattura li tirreferi ghal merkanzija provduta mis-socjetà attrici lill-konvenut **wara t-13 ta' Mejju 2005**, hija necessarjament pagabbli minnu biss. Mid-dokumenti esebiti mis-socjetà attrici u markati Dok. "B1" sa' Dok. "B28" jirrizulta li hemm zewg fatturi li nhargu wara t-13 ta' Mejju 2005, ossia l-fattura datata 24 ta' Mejju 2005[11] ghall-valur ta' Lm62.57, illum ekwivalenti ghal €145.75, u l-fattura datata 4 ta' Lulju 2005[12] ghall-valur ta' Lm108.81, illum ekwivalenti ghal €253.46. B'hekk l-ammont komplessiv ta' €399.21 mis-somma bilancjali ta' €1,601.97 huwa bla dubju ta' xejn dovut lis-socjetà attrici mill-konvenut wahdu.

In kwantu rigwarda r-rimanenti ammont ta' €1,202.76, li jkopri l-valur ta' merkanzija provduta qabel is-separazzjoni legali bejn il-konvenuti konjugi Mugliett, dan huwa dovut mill-konvenuti konjugi Mugliett, in solidum bejniethom. Ghalkemm in-negozju mill-fond ossia hanut "Aquatica" Triq il-Ferrovija l-Antika, Santa Venera, kien gestit mill-konvenut, ma hemmx dubju li d-dejn relattiv ghal dak in-negozju kien jiggrava l-komunjoni ta' l-akkwisti li kienet ezistenti bejn il-konjugi Mugliett u kwindi debitu taz-zewg konjugi flimkien.

Ghalkemm fil-kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Nicholas Briffa l-partijiet kontraenti – ossia konjugi Mugliett – ftehmu li *d-dejn kollu dovut mir-Ragel u li ghandu x'jaqsam man-negozju gestit minnu fil-fond, ossia hanut maghruf bl-isem "Aquatica" Triq il-Ferrovija l-Antika, Santa Venera, u dan bl-izjed mod ampju u illimtat u dan sal-gurnata ta' l-iffirmar ta' dan il-kuntratt* ikun assenjat lill-

[10] Dok. "A" fol. 18 sa' 26 tal-process.
[11] Dok. "B2" a fol. 68 tal-process.
[12] Dok. "B1" a fol. 67 tal-process.

konvenut, il-konvenuta ma hijiex mehlusa mir-responsabiltajiet u obbligi taghha fil-konfront tas-socjetà attrici. In effetti huwa principju guridiku assodat illi *d-debitur ma jistax jehles mir-responsabbilitajiet tieghu billi jitfa' d-dejn fuq iehor; biex dan isehh irid jirrizulta mhux biss li l-kreditur kien infurmat b'dan, imma li accetta dik l-assenjazzjoni*[13].

Fil-kaz in ezami ma jirrizultax li s-socjetà attrici kienet giet infurmata li d-dejn li l-konjugi Mugliett ghandhom maghha gie assenjat lill-konvenut wahdu u ladarba ma gietx hekk infurmata zgur li ma setghetx taghti l-kunsens taghha ghal tali assenjazzjoni tad-dejn. Ghalkemm is-socjetà attrici rceviet l-ittra ta' l-Avukat Delceppo tas-7 ta' Settembru 2006 li kitbet ghan-nom tal-konvenut, f'din l-ittra wkoll ma gietx infurmata bl-assenjazzjoni tad-dejn tal-konjugi Mugliett ghal fuq il-konvenut wahdu.

Fid-dawl ta' dan ghalhekk jirrizulta li s-somma ta' €1,202.76 hija dovuta lis-socjetà attrici mill-konvenuti Mugliett, flimkien u in solidum bejniethom.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talba tas-socjetà attrici u tikkundanna: (a) lill-konvenut wahdu sabiex ihallas lis-socjetà attrici s-somma ta' €399.21; u (b) lill-konvenuti Mugliett, flimkien u solidalment bejniethom, sabiex ihallsu lis-socjetà attrici s-somma ta' €1,202.76, bl-imghax legali dekoribbli fuq l-imsemmija zewg ammonti mis-27 ta' April 2011 (id-data tan-Nota ta' Riduzzjoni a fol. 105 tal-process) sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez marbuta ma' dawn il-proceduri, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid mahrug fit-8 ta' Frar 2006, jibqghu a karigu tal-konvenuti, flimkien u in solidum bejniethom.

---

[13] Cilia v. Frendo Azzopardi, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' Frar 1988, Victor Balzan noe v. Kevin Sammut et, Citaz. Nru. 637/95 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-8 ta' Mejju 2003, Marianne Portanier et v. Tessie Micallef, Citaz. Nru. 84/00 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Mejju 2003.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------